VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,869, 14 ta' Frar, 2012*
*Taqsima B*

**A.L. 69 tal-2012**

## ORDINANZA DWAR IL-KUMMISSARJU TA' L-ARTIJIET (KAP. 169)

### Ordni tal-2012 dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet) (Ordni Nru. 5)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet, il-President ta' Malta għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2012 dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet) (Ordni Nru. 5).

Art speċifikata.

**2.** L-art deskritta fl-artikolu 4 hija b'dan speċifikata għall-finijiet tal-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet.

Jum stabbilit.

**3.** Id-drittijiet u r-responsabbiltajiet rigward l-art speċifikata fl-artikolu 4 għandhom b'seħħ mill-1 ta' Settembru, 2011 jitqiesu li bdew jitwettqu minn Malta Industrial Parks Limited (C 28965) kif provdut fl-imsemmi artikolu 2 tal-Ordinanza.

Deskrizzjoni.

**4.** L-art imsemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-Ordni tikkonsisti f'biċċa art, inkluż kull bini li hemm fuqha, ġewwa l-Marsa li tidher immarkata bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 7_92_B, liema pjanta ġiet transunta fl-Atti tan-Nutar Diana Charles permezz ta' att pubbliku tas-16 ta' Ġunju 2011.

Tħassir ta' legislazzjoni.

**5.** Il-leġislazzjoni hawn taħt imsemmija għandha, mad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Ordni, titqies mħassra:

(a) il-paragrafu (a) tal-artikolu 4 tal-Avviż Legali 33 tal-1966;

(b) l-Avviż Legali 106 tal-2003;

(ċ) l-Avviż Legali 441 tal-2004; u

(d) l-Avviż Legali 21 tal-2006.

VERŻJONI ELETTRONIKA



**L.N. 69 of 2012**

## COMMISSIONER OF LAND ORDINANCE
## (CAP. 169)

### Commissioner of Land (Transfer of Rights and Liabilities) (No. 5) Order, 2012

IN exercise of the powers conferred by article 2 of the Commissioner of Land Ordinance, the President of Malta has made the following order:-

Citation.

**1.** The title of this Order is the Commissioner of Land (Transfer of Rights and Liabilities) (No. 5) Order, 2012.

Specified land.

**2.** The land described in article 4 is hereby specified for the purpose of article 2 of the Commissioner of Land Ordinance.

Appointed day.

**3.** The rights and liabilities in respect of the land specified in article 4 shall, with effect from the 1st September, 2011 be deemed to have been exercised by Malta Industrial Parks Limited (C 28965) as provided in the aforesaid article 2 of the Ordinance.

Description.

**4.** The land referred to in article 2 of this Order consists of an area of land, including any building thereon, at Marsa shown bordered in red on plan P.D. 7_92_B, which plan is enrolled in the Records of Notary Diana Charles by virtue of a deed of the 16th June 2011.

Revocation of certain legislation.

**5.** The legislation listed hereunder shall, as from the coming into force of this Order, be revoked:

(a) Paragraph (a) of article 4 of Legal Notice 33 of 1966;

(b) Legal Notice 106 of 2003;

(c) Legal Notice 441 of 2004; and

(d) Legal Notice 21 of 2006.

---

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

Prezz/*Price*
€0.09